IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 28.6.2010
KUMM(2010)335 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport Annwali tal-2010 dwar il-politiki tal-Unjoni Ewropea dwar l-assistenza għall-iżvilupp u dik esterna u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2009

SEG(2010)773

Reazzjoni għal sfidi globali

L-2009 kienet sena diffiċli għad-dinja kollha. L-impatt tal-kriżi fil-prezzijiet tal-ikel tal-2007-2008 ġie aggravat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja li ħolqot reċessjoni dinjija. L-Unjoni Ewropea ħadet azzjoni rapida biex ittaffi l-impatti negattivi fuq il-pajjiżi sħab tagħha. Żiedet ukoll l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-kriżijiet ma jipperikolawx il-progress li sar f'dawn l-aħħar snin fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Il-Faċilità tal-Ikel tal-UE li twaqqfet fl-aħħar tal-2008 biex tindirizza l-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel kienet pjattaforma waħda għal azzjoni konkreta. Mill-EUR 1 biljun li twiegħdu taħt din il-faċilità, ġew allokati EUR 837 miljun sal-aħħar tal-2009. L-għan ta' din il-faċilità huwa li tkopri n-nuqqas kritiku bejn l-għajnuna ta' emerġenza u l-assistenza għall-iżvilupp fuq medda ta' żmien medja u fit-tul. L-affarijiet marru għall-agħar minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja li bdiet fit-tieni nofs tal-2008, b'mod speċjali fl-aktar pajjiżi foqra. Huwa stmat li bejn 40 u 80 miljun ruħ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jisfaw f'faqar assolut minħabba l-kriżijiet. Fuq il-bażi ta' proposti mill-Kummissjoni Ewropea f'April tal-2009[1], intlaħaq ftehim dwar sensiela ta' miżuri kompleti, f'waqthom, immirati u koordinati. B'riżultat, sa tmiem is-sena kienu diġà ġew allokati EUR 215 miljun taħt l-hekk imsejjaħ mekkaniżmu FLEX ta' Vulnerabbiltà (V-FLEX) biex tingħata għajnuna lil 11-il pajjiż Afrikan u żewġ pajjiżi tal-Karibew biex jirriduċu n-nuqqasijiet fil-finanzi tal-baġits nazzjonali tagħhom għall-2009. EUR 160 miljun tħallas sal-aħħar tal-2009 u l-bilanċ ta' EUR 55 miljun kellu jitħallas matul l-ewwel tliet xhur tas-sena 2010. Barra minn dan, ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tad-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi tal-2009 kienu partikolarment f'waqthom u ppermettew lill-UE biex tadatta l-programmi ta' koperazzjoni individwali tagħha għar-realtajiet li qed jevolvu.

Il-Kummissjoni Ewropea kellha rwol proattiv f'diversi fora internazzjonali (b'mod partikolari fi ħdan il-G8, il-G20 u n-NU) biex tiżgura li jiġu kkunsidrati minn kull aspett l-effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-aktar pajjiżi foqra u li ttieħdu miżuri speċifiċi biex jgħinuhom.

Is-sena 2009 kienet ukoll distinta minn aktar sforzi biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima. Fit-tħejjija għan-negozjati ta' Kopenħagen dwar il-klima f'Diċembru tal-2009, l-UE intensifikat il-kooperazzjoni u d-djalogu tagħha mal-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw. Il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar *Żieda fil-finanzjament internazzjonali għall-klima: Pjan Ewropew għall-ftehim ta' Kopenħagen* biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġġieldu t-tibdil fil-klima[2]. F'Diċembru, l-UE ftiehmet dwar finanzjament b''bidu mgħaġġel' ta' EUR2.4 biljun kull sena għall-2010-2012, biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jadattaw rwieħhom għat-tibdil fil-klima u biex jaqilbu għal strateġiji ta' użu baxx tal-karbonju. L-intenzjoni kienet ukoll li jitħejjew biex jipproċessaw l-ammonti akbar ta' fondi għal tnaqqis u adattatment allokati għall-perjodu ta' wara l-2012. Fl-2009, l-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima (GCCA) rċeviet allokazzjoni ta' EUR 35 miljun biex tagħti appoġġ lill-pajjiżi foqra li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-anqas pajjiżi żviluppati u l-istati-gżejjer żgħar li qegħdin jiżviluppaw . Fi Frar 2009, ġiet

[1] F'dokument intitolat "Appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ilaħħqu mal-kriżi".

[2] COM/2009/475 finali tal-10.09.2009.

ippubblikata l-Komunikazzjoni intitolata *L-Istrateġija tal-UE ta' sostenn għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp*[3]. Din għandha l-għan li tnaqqas il-piż li jġibu magħhom id-diżastri fuq l-aktar pajjiżi vulnerabbli.

Relazzjonijiet attivi madwar id-dinja

Matul l-2009, l-Unjoni Ewropea kellha samits ma' atturi globali ewlenin bħaċ-Ċina, l-Indja u r-Russja.

Fl-2009 komplew jissaħħu r-relazzjonijiet politiċi mal-Amerika Latina. F'Settembru, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tistabbilixxi qafas ta' politika għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina. Il-Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina twaqqfet f'Diċembru b'finanzjament ta' EUR 10.8 miljun biex tattira investimenti addizzjonali favur it-trasport, l-enerġija u l-ambjent u biex tagħti appoġġ lis-settur soċjali u dak politiku.

F'Mejju 2009 tnedew uffiċjalment in-negozjati mal-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) dwar it-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou. F'dik is-sena ngħata wkoll bidu għall-proċess ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-10 FEŻ li se jqis il-progress li sar s'issa u jaġġorna l-istrateġija ta' kooperazzjoni u l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-pajjiżi kkonċernati.

Ir-relazzjoni strateġika mal-Afrika ttejbet ulterjorment fil-qafas tal-Istrateġija Konġunta tal-Afrika u l-UE, biex jiġu indirizzati sfidi kontinentali u globali. Id-djalogu politiku ġie intensifikat u t-tfassil ta' pjanijiet dettaljati ta' implimentazzjoni fit-tmien sħubijiet tematiċi rriżulta fi progress konkret li huwa ta' benefiċċju għaż-żewġ kontinenti.

Fl-2009, l-UE u l-Afrika t'Isfel intensifikaw konsiderevolment id-djalogu tagħhom dwar kwistjonijiet ta' paċi u sigurtà fuq il-bażi tal-involviment qawwi tal-Afrika t'Isfel fil-ġestjoni tal-kunflitti fl-Afrika.

L-ewwel samit tal-UE-Pakistan seħħ fi Brussell f'Ġunju 2009. F'Novembru 2009 l-UE lestiet ukoll in-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Iraq, bl-għan li dan jiġi ffirmat fl-2010 u jipprovdi l-ewwel bażi li qatt kien hemm għal relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-UE u l-Iraq.

Bħala parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-Faċilità tal-Investiment tal-Viċinat iffinanzjat 25 proġett fl-2008-2009 fl-oqsma tat-trasport, l-ambjent u l-enerġija kif ukoll f'setturi soċjali u privati, b'għotjiet għal total ta' EUR 170 miljun. Dan għen biex jinġabru EUR 7.35 biljuni f'investimenti minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Ħidma biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju

Matul l-aħħar snin sar progress globali dwar diversi miri u indikaturi tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Madankollu dan il-progress kien wieħed irregolari u xi pajjiżi u reġjuni, b'mod partikolari fl-Afrika Sub-Saħarjana, għadhom lura. Barra minn dan,

[3] COM (2009) 84 finali, 04.03.2009.

il-prospetti għal progess kostanti qed jiġu mhedda mill-kriżi ekonomika globali flimkien mat-tibdil fil-klima u l-effetti ta' kriżijiet preċedenti tal-ikel u l-fjuwil.

Matul l-2009 l-Kummissjoni Ewropea ħejjiet dokumenti preparatorji li jindirizzaw il-qalba tal-oqsma tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju li jirrigwardaw l-iżvilupp uman bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-ugwaljanza tas-sessi. L-adozzjoni ta' dawn il-politiki fl-2010 se jkollha influwenza fuq id-dibattitu intern tal-UE dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u jiġu integrati fil-kontribut tal-UE għas-Samit ta' Reviżjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU f'Settembru 2010. L-interess tal-Kummissjoni hija li l-UE taqbel ma' approċċ komplet dwar kif għandu jitħaffef il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju sal-2015 u kif għandhom jiġu kkonsolidati l-kisbiet biex dawn isiru sostenibbli. Ġew inklużi wkoll diversi inizjattivi, inklużi Komunikazzjoni dwar il-governanza fiskali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u analiżi tal-politiki tematiċi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel.

Il-Kummissjoni sostniet ukoll is-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi, il-ħarsien soċjali u l-kultura permezz ta' diversi strumenti u kanali, inkluż appoġġ baġitarju, bl-għan li jissaħħu s-sistemi nazzjonali u li l-għajnuna tiġi adattata għall-politiki nazzjonali.

Bħala membru tal-bord tal-Fond Globali kontra l-AIDS, it-Tuberkuloži u l-Malarja (*Global Fund to fight AIDS, Tuberculosis and Malaria* – GFATM) u bħala r-rappreżentanta tal-UE bħala kontributur ewlieni (EUR 872.5 miljun mill-2002 sal-2009), il-Kummissjoni kompliet ikollha rwol attiv f'din l-inizjattiva u saret ukoll involuta attivament fl-Alleanza Globali għall-Vaċċini u t-Tilqim (*Global Alliance for Vaccines and Immunization* – GAVI). Bħala membru permanenti tal-bord tal-Inizjattiva Aċċellerata – Edukazzjoni għal Kulħadd, il-Kummissjoni ffukat fuq l-effettività tal-għajnuna, l-ħtiġijiet ta' stati fraġili u kwistjonijiet ta' governanza.

Il-Kummissjoni reġgħet irduppjat l-isforzi biex isir progress fl-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Fl-2009 s-sostenn ingħata lil atturi mhux statali għall-ġlieda kontra l-analfabetiżmu tal-adulti u għall-promozzjoni tas-sjieda tal-proprjetà min-nisa.

Skond l-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju Nru 7, il-Kummissjoni ffukat ukoll fuq kwistjonijiet ambjentali ewlenin, bħat-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, il-bijodiversità, is-sajd u l-preżervazzjoni tal-foresti Tkompla wkoll is-sostenn biex tiżdied il-ħila tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimplimentaw ftehimiet ambjentali multilaterali.

Matul is-sena, il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi biex titjieb id-disponibbiltà u l-kwalità tad-dejta dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju li għandhom l-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Saru studji tad-dejta u ngħata sostenn biex titjieb il-kapaċità fl-istatistika tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-istampa tidher ħafna aħjar milli kienet fis-snin li għaddew imma għad hemm nuqqasijiet sinifikanti fl-indikaturi li jintużaw biex jitkejlu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Politiki rilevanti u ffukati

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp[4] stabbilixxa għall-ewwel darba viżjoni komuni dwar l-iżvilupp għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-komponenti ewlenin huma: aktar għajnuna, għajnuna aħjar, aktar koerenza tal-politika għall-iżvilupp u enfasi fuq l-Afrika. Fl-2009, erba' snin wara l-adozzjoni tal-Kunsens, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni preliminari tal-implimentazzjoni tiegħu, liema valutazzjoni saret referenza importanti li hija aċċettata ġeneralment għall-atturi kollha fl-iżvilupp.

L-għajnuna waħidha mhijiex biżżejjed biex tgħin lill-aktar pajjiżi foqra jiżviluppaw u fl-aħħar snin il-Kummissjoni għamlet ħafna sforzi biex tiżgura li l-politiki kollha tal-UE jikkonformaw mal-isforzi tagħha biex tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Għal din ir-raġuni l-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp hija kontribut addizzjonali u meħtieġ għall-iżvilupp.

F'Settembru tal-2009, il-Kummissjoni ħarġet it-tieni rapport ewlieni tagħha li jkopri 12-il qasam ta' politika li għandhom impatt fuq l-ambjent. Dawn huma l-kummerċ, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà, l-agrikoltura, is-sajd, id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, l-impjiegi u x-xogħol deċenti, il-migrazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, is-soċjetà tal-informazzjoni, it-trasport u l-enerġija. Il-governanza tajba fit-tassazzjoni hija qasam ieħor li fih il-Kummissjoni qed tfittex sinerġiji pożittivi b'għanijiet tal-iżvilupp.

Ir-rapport juri biċ-ċar l-impatt kbir li l-UE għandha permezz tas-sensiela wiesgħa ta' politiki, proċessi u strumenti dwar il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-oqsma tar-riċerka, l-ambjent u l-enerġija, il-politiki tal-UE kienu partikolarment pożittivi. Fir-riċerka, l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jaħdmu flimkien f'oqsma ta' interess għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħas-saħħa jew is-sigurtà tal-ikel. Ir-riċerkaturi mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma inkoraġġuti biex jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u skemi ta' mobbiltà. Fil-politika tal-ambjent l-UE qiegħda tmexxi fil-ħarsien tal-foresti madwar id-dinja kollha. Skont l-inizjattiva tagħha Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ, l-UE timporta biss injam ċertifikat mill-pajjiżi sħab tagħha sabiex tiġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar. Fis-settur tal-enerġija, il-mira obbligatorja taħt id-Direttiva dwar l-Enerġija li Tiġġedded (20% tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu sal-2020) se tistimula l-esportazzjoni ta' bijokarburanti mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Hemm skema ta' sostenibbiltà li tobbliga l-importaturi tal-bijokarburanti jirrispettaw il-kriterji ambjentali u jirrapportaw dwar impatti ekonomiċi u soċjali negattivi possibbli f'pajjiżi terzi.

Fuq il-bażi ta' dawn l-esperjenzi u tagħlimiet, f'Novembru 2009 l-Kunsill tal-Ministri approva[5] ħames oqsma ta' azzjoni prijoritarja fi ħdan il-qafas eżistenti ta' 12-il qasam ta' politika: il-kummerċ u l-finanzi, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, il-migrazzjoni u l-paċi u s-sigurtà.

L-ispinta biex il-politiki esterni tal-UE jsiru aktar iffukati fuq l-iżvilupp trid tkun korrisposta minn politki domestiċi sodi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għall-UE, il-governanza hija kruċjali fil-ġlieda kontra l-faqar billi ttejjeb il-klima tal-investiment u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, tnaqqas il-korruzzjoni, ittejjeb il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa u fil-ġbir tad-dħul għall-iżvilupp, issaħħaħ l-istituzzjonijiet li

[4] Il-Kunsens ġie approvat mill-Presidenti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament f'Diċembru 2005.

[5] Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp: l-Istabbiliment ta' qafas ta' politika għall-approċċ uniku tal-Unjoni (COM(2009)458 finali).

jipprovdu l-kontrolli u l-bilanċi biex titjieb ir-responsabbiltà u l-istabbiltà. Filwaqt li tirrikonoxxi li titjib fil-governanza demokratika huwa proċess intern f'kull pajjiż, il-Kummissjoni hija ddeterminata li tindirizza l-governanza demokratika kemm bħala qasam speċifiku ta' politika kif ukoll bħala kwistjoni trasversali li tirrigwarda l-programmi u s-setturi kollha. Pereżempju l-UE tkompli tqajjem fuq bażi regolari kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa fi djalogi politiċi jew relatati mad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi sħab. F'xi pajjiżi l-Kummissjoni tagħti l-appoġġ tagħha lil proġetti li jindirizzaw il-kwistjonijiet tat-tfal milquta minn kunflitti armati u tal-vjolenza kontra t-tfal. Fl-2009 ġie organizzat għall-ewwel darba *workshop* reġjonali dwar popli indiġeni, minoranzi u diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta, li kien jiffoka fuq in-nofsinhar u x-xlokk tal-Asja. Il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab mhux biss itejbu l-kwalità tal-għajnuna tal-UE iżda jagħmlu parti mill-valuri fundamentali tal-UE.

Aktar għajnuna Ewropea użata aħjar

Fl-2009 l-UE (is-27 Stat Membru u l-Kummissjoni Ewropea) kkonfermat mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha bħala l-fornitur ewlieni tal-assistenza għall-iżvilupp billi kienet responsabbli għal aktar min-nofs[6] l-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp jiġifieri għal EUR 48.2 biljun f'għajnuna. Il-Kummissjoni waħidha allokat EUR 12-il biljun u ħallset EUR 10 biljuni.

Fl-2009 il-Kummissjoni kompliet tagħmel l-għajnuna tagħha aktar effettiva. Kienet fuq quddiem nett ta' inizjattivi adottati f'fora ta' livell għoli dwar l-effettività tal-għajnuna organizzatti mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp/il-Kumitat għall-Assistenza fl-Iżvilupp (OECD/DAC). Sabiex jitħaffef il-progress u sabiex ikunu jistgħu jintwerew riżultati konkreti sal-forum li jmiss f'Seoul fl-2011, il-Kummissjoni għamlitha ta' katalista u ta' koordinatriċi biex ittejjeb is-sinerġiji fost l-Istati Membri. Dan ippermetta l-adozzjoni mill-Kunsill f'Novembru tal-2009 ta' qafas operattiv tal-UE li jiffoka fuq it-tliet prijoritajiet tal-UE għall-effettività tal-għajnuna li ntlaħaq ftehim dwarhom f'Akkra fl-2008: tnaqqis tal-frammentazzjoni tal-għajnuna permezz ta' diviżjoni tax-xogħol tad-donaturi, żieda fl-użu tas-sistemi tal-pajjiżi u titjib fil-kwalità tal-kooperazzjoni teknika. F'dan il-kuntest, f'Jannar tal-2009 l-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni ambizzjuż.

Il-Kummissjoni żammet il-preferenza tagħha għat-twassil ta' għajnuna fil-forma ta' appoġġ baġitarju (ara hawn taħt) u rriformat il-mod kif tipprovdi assistenza teknika biex il-benefiċċji minn dik l-għajnuna jsiru aktar sostenibbli. Qed taħdem ma' donaturi oħrajn aktar mill-qrib u qiegħda saħansitra tiddelega lill-Istati Membri tal-UE r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' xi programmi ta' appoġġ tal-UE. L-UE naqqset l-irbit konness mal-għajnuna f'livell eċċezzjonali kif ukoll biddlet l-approċċ tagħha għall-kondizzjonalità filwaqt li ħadet passi biex l-għajnuna tagħha ssir aktar prevedibbli u trasparenti.

Il-Kummissjoni taħdem mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali partikolarment in-NU u l-grupp tal-Bank Dinji. Fl-2009, ġew iffirmati ftehimiet għal total ta' EUR 935 miljun mal-"familja" tan-NU, li kienu jirrappreżentaw madwar

[6] Il-Membri mill-UE 15 tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp/il-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp (OECD/DAC) jirrappreżentaw 56% mill-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-membri kollha tad-DAC.

10% tal-impenji totali tal-UE dwar l-għajnuna. Il-ftehimiet li ġew iffirmati mal-grupp tal-Bank Dinji kienu jammontaw għal EUR 469 miljun. Għalkemm dawn il-fondi huma amministrati minn organizzazzjonijiet internazzjonali skont il-proċeduri tagħhom, il-Kummissjoni tivverifika jekk jiġux amministrati korrettament skont l-istandards u, fejn applikabbli, il-proċeduri tal-UE. Il-ftehimiet operazzjonali li jistabbilixxu t-termini ta' referenza għal dawn il-verifiki ġew iffirmati fl-2009 man-NU, il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Ftehim mal-FMI għamilha wkoll aktar faċli għall-Kummissjoni biex tikkoopera miegħu fi programmi kontra l-ħasil tal-flus.

Rigward il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali, fl-2009 kien hemm l-ewwel stadji ta' implimentazzjoni tal-istrateġija definiti mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2008 dwar *Awtoritajiet lokali: atturi għall-iżvilupp*[7]. L-ewwel "Konferenza ta' kooperazzjoni deċentralizzata", li ġabret flimkien aktar minn 300 rappreżentant ta' awtoritajiet lokali mill-UE u mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inżammet fi Brussell f'Diċembru 2009. Tul is-sena tkompliet kooperazzjoni ma' atturi mhux statali, kemm mil-lat tal-involviment tagħhom fid-definizzjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp u minn dak tar-rwol tagħhom bħala implimentaturi ta' azzjonijiet ta' żvilupp.

Appoġġ baġitarju

L-appoġġ baġitarju huwa l-mekkaniżmu preferut tal-Kummissjoni biex twassal l-għajnuna, skont il-prinċipji ta' aktar sjieda lokali, u jippromwovi l-iżvilupp tal-kapaċità fil-pajjiżi sħab, jiżgura l-armonizzazzjoni tal-għajnuna mal-politika nazzjonali u jnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjoni għat-twassil tal-għajnuna.

L-appoġġ baġitarju huwa mekkaniżmu li bih il-fondi jiġu trasferiti lit-teżor nazzjonali tal-pajjiż benefiċjarju sakemm jissodisfa l-kundizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma għall-ħlas. Matul l-2009, il-Kummissjoni allokat b'dan il-mod EUR 2.4 biljuni mill-fondi ta' għajnuna tal-UE għall-kooperazzjoni esterna[8]. Il-fondi huma pprovduti jew bħala appoġġ baġitarju ġenerali (ABĠ), li jagħti appoġġ għall-implimentazzjoni ta' strateġija/politika nazzjonali ta' żvilupp, jew bħala appoġġ baġitarju għal setturi speċifiċi (ABSS), biex il-pajjiż sieħeb jingħata għajnuna biex jagħmel progress f'settur partikolari.

Fl-2009, l-impenji ta' ABĠ kienu jammontaw għal 35% mill-operazzjonijiet ġodda kollha ta' appoġġ baġitarju, jiġifieri għal EUR 869 miljun. It-23 pajjiż benefiċjarju kienu mir-reġjun tal-AKP. Fl-2009 madwar 10% mill-operazzjonijiet ġodda ta' ABĠ kienu jirrigwardaw pajjiżi f'sitwazzjoni fraġili (ara l-kaxxa).

Fl-2009 l-użu ta' ABSS żdied kemm kemm. L-impenji totali għal ABSS ammontaw għal EUR 1.6 biljun, jiġifieri madwar 65% mill-operazzjonijiet ġodda kollha ta' appoġġ baġitarju fl-2009. Intuża għal prattikament l-operazzjonijiet ġodda kollha ta' appoġġ baġitarja barra r-reġjun tal-AKP. Fil-pajjiżi fil-viċinat tal-UE u l-Afrika t'Isfel l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju kienu kkonċentrati fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-riforma tas-saħħa pubblika, il-ġestjoni tal-ilma u tal-ilma mormi, it-trasport, l-ambjent u l-impjiegi, u l-edukazzjoni primarja. Fl-Ażja, l-

[7] COM2008(626) tat-08.10.2008.

[8] Dan ikopri biss għajnuna amministrata mill-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni EuropeAid.

impenji saru fis-setturi soċjali. Fl-Amerika Latina, is-setturi ewlenin kienu l-edukazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Fir-reġjun tal-AKP l-operazzjonijiet ta' ABSS kienu kkonċentrati fuq setturi tradizzjonali (it-toroq, is-saħħa u l-edukazzjoni), kif ukoll fuq xi setturi ġodda emerġenti bħall-agrikoltura deċentralizzata u l-iżvilupp tar-riżorsi umani.

Fuq il-bażi ta' preżentazzjoni lill-OECD/DAC, l-UE issa qiegħda tittestja metodoloġija ġdida għall-valutazzjoni tal-appoġġ baġitarju. Matul l-2009 tnedew valutazzjonijiet pilota fit-Tuneżija, f'Mali u fiż-Żambja. Jekk it-testijiet pilota jirriżultaw pożittivi, il-metodoloġija miftiehma li tipprovdi għal proċeduri armonizzati ta' valutazzjoni fil-pajjiżi benefiċjarji kollha ssir disponibbli sa nofs is-sena 2011.

Il-valutazzjonijiet ġeografiċi tal-Kummissjoni li ġew finalizzati fl-2009 juru li fi kważi l-pajjiżi u r-reġjuni kollha, il-bidla favur l-appoġġ baġitarju kellha impatt pożittiv fuq, pereżempju, d-djalogu mal-pajjiżi sħab, il-koordinazzjoni tad-donaturi, il-ġestjoni finanzjarja pubblika u r-riformi ta' politika fil-pajjiżi benefiċjarji. Madankollu, dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq numru limitat ta' każijiet u ma jistgħu jiġu ġeneralizzati.

It-tisħiħ tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ĠFP) jibqa' essenzjali biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju, biex jiġi żgurat li l-gvernijiet ikunu responsabbli għall-użu tal-baġits tagħhom fil-konfront kemm tal-kontribwenti tat-taxxa tagħhom u ta' dawk tal-Unjoni Ewropea. L-għodda djanjostika tan-Nefqa Pubblika u l-Kontabbiltà Finanzjarja (*Public Expenditure and Financial Accountability* – PEFA), li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni mal-Bank Dinji u xi organizzazzjonijiet oħrajn, tintuża biex jiġu stabbiliti linji bażi biex jitkejjel jekk il-pajjiżi humiex qegħdin jagħmlu progress fis-sistemi ĠFP tagħhom. Minn Ġunju 2005 sal-aħħar tal-2009, il-valutazzjonijiet PEFA saru f'105 pajjiżi, li minnhom 62 kienu mir-reġjun AKP. Dan ikopri kważi l-pajjiżi kollha li jgawdu minn appoġġ baġitarju ffinanzjat mill-UE.

Jingħataw korsijiet tat-taħriġ biex titjieb il-ħila tal-persunal tal-Kummissjoni fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ baġitarju. Dawn il-korsijiet huma ġeneralment disponibbli għal uffiċjali minn gvernijiet sħab u għal persunal minn aġenziji donaturi oħrajn.

Il-Kummissjoni Ewropea temmen li għal xi Stati fraġili f'sitwazzjonijiet ta' wara l-kriżi jew ta' wara l-kunflitt, l-appoġġ baġitarju jipprovdi l-aħjar mezz ta' għajnuna, anki jekk dawn il-pajjiżi ma jkunux formalment jikkwalifikaw għaliha. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-appoġġ baġitarju jista' jiffaċilita l-istabilizzazzjoni u jevita deterjorament ekonomiku u politiku ulterjuri. Hu għal din ir-raġuni li fasslet linji gwida ġodda fl-2009 biex jaġġustaw il-kriterji għal appoġġ baġitarju għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom. B'riżultat, il-programmi ta' appoġġ baġitarju se jitfasslu b'mod tali li r-riskji jittaffew filwaqt li jiġi żgurat użu xieraq tal-opportunità immedjatament wara sitwazzjoni ta' kunflitt jew ta' kriżi. → **Għal aktar informazzjoni, ara l-punt 5.1.2 fir-Rapport sħiħ.**

Ħidma biex jinkisbu r-riżultati

Il-Kummissjoni tagħmel sforzi biex tkejjel l-impatt tal-azzjoni tagħha ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp. Din hi prijorità importanti maqsuma mid-donaturi kollha. Dan jgħin biex l-għajnuna tiġi ddirezzjonata fejn tkun l-aktar effettiva. S'issa l-biċċa

l-kbira tad-donaturi kkonċentraw l-aktar fuq l-mezzi implimentati, infiq u teknikalitajiet u inqas fuq ir-riżultati, impatt u sostenibbiltà. Il-kejl tar-riżultati, tal-impatt u tas-sostenibbiltà tal-proġetti u l-programmi hija kruċjali għall-valutazzjoni tal-effetti tal-għajnuna fuq l-eliminazzjoni attwali tal-faqar.

Fil-prattika, fl-aħħar snin, il-Kummissjoni ppruvat tgħolli l-istandards tagħha fl-implimentazzjoni tal-għajnuna, il-kontroll tal-kwalità, ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ tar-riżultati. Wettqet riforma tal-proċessi tagħha sabiex tagħmilhom aktar sempliċi, aktar iffukati fuq il-kwalità u r-riżultati u skont għanijiet li hemm qbil internazzjonali dwarhom fuq l-effettività tal-għajnuna. Il-Kummissjoni żviluppat ukoll forom aktar dinamiċi ta' sħubija mal-benefiċjarji u ma' donaturi oħrajn u ssimplifikat il-proċeduri tagħha u ċċarat ir-regoli għat-twassil u l-implimentazzjoni.

Fl-2009, l-isforzi kien kkonċentrati fuq:

- L-implimentazzjoni tar-riforma tal-kooperazzjoni teknika tal-Kummissjoni biex titjieb l-effettività tal-għajnuna. L-elementi ewlenin f'dan l-istadju kienu li tiġi żviluppata gwida u li tiġi stabbilita sistema għall-monitoraġġ tar-riżultati tar-riforma;

- L-adozzjoni ta' numru ta' strumenti ta' metodoloġija fl-2009 sabiex l-implimentazzjoni tal-għajnuna esterna tal-UE tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata;

- L-iżvilupp tal-ħiliet u tal-kapaċità tal-persunal involut fit-twassil tal-għajnuna esterna fil-livelli tal-Kwartieri Ġenerali u d-Delegazzjoni;

- Reviżjoni tal-għodda ta' kwalità ewlenija implimentatata fil-fażi tad-disinn fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett, li hija mekkaniżmu ta' reviżjoni minn pari li jismu oQSG (*office Quality Support Group* – Grupp ta' appoġġ għall-kwalità tal-uffiċċju) u li fl-2009 kopra kważi 100% tal-proġetti u l-programmi eliġibbli.


Il-Kummissjoni għandha programm attiv ta' valutazzjonijiet: tnedew 19-il valutazzjoni ġdida fl-2009. Il-konklużjonijiet ewlenin mill-valutazzjonijiet li tlestew huma li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-effettività huma tajbin. L-effiċjenza u s-sostenibbiltà għadhom jitqiesu bħala l-aktar elementi dgħajfin. L-interventi tal-UE tabilħaqq jiġġenerew impatti pożittivi iżda għandha tiżdied l-appartenenza tal-pajjiżi sħab.

Fl-2009 kien hemm total ta' 1 548 rapport ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (*results-oriented monitoring* – ROM). Din hi żieda ta' 24% fuq l-2008. Ir-riżultati għall-2009 juru kien hemm rendiment aħjar tal-proġetti milli kien hemm fl-2008.

Fil-qosor, il-Kummissjoni ħadet azzjoni rapida biex tindirizza l-problemi kkawżati mill-kriżijiet tal-2008-2009 u biex tiżgura li l-impatt tar-riżorsi tagħha jkun massimizzat. L-UE wriet il-ħila li ġġedded u tadatta l-istrumenti ta' għajnuna tagħha biex tindirizza sfidi ġodda. Id-dinamika ta' dan il-proċess ħolqot sinerġiji ġodda u wasslet għal riżultati aktar effettivi.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, li se jkunu s-suġġett ta' analiżi internazzjonali importanti fl-2010.


Grafika 1: Diviżjoni settorjali tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp



Impenji fl-2009 f' € miljuni

Riżorsi tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp amministrati mill-Kummissjoni Ewropea.

Grafika 2:Il-Kunsens Ewropew: l-oqsma relatati mal-kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-UE




Impenji fl-2009 f' € miljuni

Riżorsi tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp amministrati mill-Kummissjoni Ewropea.

Grafika 3: 2000-2009 Prijorita għall-ġlieda kontra l-faqar

Ħlasijiet netti



2000-2003 Rapport mill-Kummissjoni lid-DAC (skont l-istess metodu: allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lil LDCs/LICs - inkluż il-BEI -/Ħlasijiet totali)
2004 Informazzjoni mir-rapport annwali
2005, 2006, 2007 Informazzjoni mir-rapport annwali skont il-lista ta' benefiċjarji tad-DAC aġġornata fl-2006
2008 Informazzjoni mir-rapport annwali skont il-lista ta' benefiċjarji tad-DAC aġġornata fl-2008
2009 Ċifri proviżorji mill-eżerċizzju tar-rapport annwali - skont il-lista ta' benefiċjarji tad-DAC aġġornata fl-2008

LDC : Pajjiżi Lanqas Żviluppati

OLIC : Pajjiżi oħra bi dħul baxx

LMIC : Pajjiżi bi dħul medju baxx

UMIC : Pajjiżi bi dħul medju għoli

REGION / UNALLOC : Progammi Reġjonali u Mhux allokati

It-tnaqqis fil-% għall-LDC tista' tiġi parzjalment spjegata biż-żieda ta' ħlasijiet totali ta' ODA b'mod partikolari għall-programmi reġjonali/mhux allokati. Dawn il-programmi huma ta' benefiċċju wkoll għall-ifqar pajjiżi.

Fil-lista l-ġdida tad-DAC, li daħlet fis-seħħ fl-2008, għadd ta' OLICs ġew riklassifikati bħala LMICs; il-Kamerun, il-Kap Verde, l-Indja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Mongolja, in-Nikaragwa u r-Repubblika tal-Kongo.